# Werrej


1. Ir-Ruħ fil-Kantina ....... 7
2. Fra Mudest u l-Ħanżira ....... 13
3. Iż-Żjara ta' Father Patrick ....... 19
4. Fra Mudest u s-Sulluzzu ....... 25
5. Fra Mudest u t-Tewmin ....... 30
6. Fra Mudest Jagħmel Bravura ....... 35
7. Nesa ċ-Ċavetta ....... 40
8. Is-Serduq tal-Pirjol ....... 44
9. Iż-Żarbun ta' Manweli ....... 48
10. Fra Mudest u d-Dundjan tal-Milied ....... 54
11. Il-Kok Imut ....... 58
12. Fra Mudest u l-Gidja ....... 63
13. Fra Mudest u l-Qanpiena ....... 67
14. Fra Mudest u s-Sagristan ....... 74
15. Fra Mudest u l-Lotterija ....... 80
16. Ħin il-Mistrieħ ....... 84
17. Id-Dramm tal-Passjoni ....... 88
18. Is-Sagristan Jitgħarras ....... 92
19. Fra Mudest u l-Qargħa Ħamra ....... 96
20. Fra Mudest u Karrettun ....... 102
21. Patri Gejt Jieħu Riħ ....... 107
22. Fra Mudest Isiefer ....... 112
23. Fra Mudest u l-Qabar ....... 116
24. Fra Mudest u l-Ħallelin ....... 121
25. Fra Mudest Imur Għall-Kaċċa ....... 127
26. Fra Mudest u t-Tubru ....... 131
27. Fra Mudest Iħalli l-Kunvent u . . . ....... 135

# Ir-Ruħ fil-Kantina

Fra Mudest kellu bosta ħbieb li ltaqa' magħhom matul ħajtu fil-kunvent, iżda l-akbar u l-egħżeż ħabib li kellu kien bla dubju ta' xejn dak il-likwidu jħammar u jfewwaħ minn ġol-bettija. Għal Fra Mudest, l-inbid kien l-aqwa xorb. Bih kien jibda l-jum u bih kien itemmu. Kien dan l-inbid li beda l-praspura tar-"Ruħ fil-Kantina".

Il-kantina tal-kunvent kienet imdaqqsa mhux ħażin, u l-Pirjol ħaseb u ra li din setgħet tinqasam fi tnejn billi jinbena ħajt fin-nofs. Għal dan il-għan qabbad xi ftit ħaddiema li lestew naqra ta' kamra fuq in-naħa ta' ġewwa tal-kantina. Din il-kamra kienet tingħalaq minn bieb tal-injam, imsakkar tajjeb b'katnazz daqsiex li mhux lakemm tiftħu kif ġieb u laħaq. Fuq kollox iċ-ċavetta ta' dan il-katnazz kienet dejjem mal-mazz ċwievet li l-Pirjol kien iżomm imdendel fi ħżiemu.

Ħadd ma kien jaf sew x'kien fiha dik il-kamra. Min qal li kienet għall-armar tal-festa, min qal għall-

imbarazz, u min qal ħaġa u min qal oħra, il-misteru tal-kamra baqa' ma nħallx għax il-Pirjol qatt ma qal għalfejn kien għamilha. Wara ftit taż-żmien, il-kamra u l-misteru tagħha ntesew, iżda mhux minn kulħadd, għax Fra Mudest kien għadu mimli kurżità x'kien hemm maqful wara dak il-katnazz tal-ħadid.

Darba waħda kien fil-kantina, fejn kien mar biex iġib xi affarijiet meta, fl-art, deherlu li lemaħ xi qtar ħomor, waħda wara l-oħra. "Dawk x'inhuma?" staqsa bejnu u bejn ruħu. Tbaxxa ħalli jara sewwa u ra li l-qtar kienu jagħtu sa wara l-bieb tal-kamra tal-Pirjol. Fra Mudest għarafhom il-qtar. Kienu tal-inbid! Bla ma tilef aktar żmien, resaq lejn il-bieb, poġġa mnifsejh qrib sew u ġibed nifs 'il ġewwa. Għajnejh xegħlu bil-ferħ u jdejh bdew jirtogħdu. Minn ġot-toqba tas-serratura ħarġet riħa taqsam ta' nbid! Fra Mudest kien żgur li hemm ġew kien hemm l-inbid għax hu kien ixommu minn kilometru 'l bogħod.

"Mela għalhekk ma jridx jgħid x'fiha dik il-kamra! Imma kif ser nagħmel u nidħol s'hemm ġew?" beda jgerger waħdu hu u tiela' mill-kantina. Dam jumejn sħaħ jhewden kif ser jiftaħ dak il-katnazz u l-bieb. Iżda kien kollu għalxejn għax ma setax jaħseb kif ser iħoll dik it-taħbila. Fl-aħħar ġietu idea! Fil-kċina kien hemm landa b'qabda ċwievet qodma u imbarazz ieħor. Forsi wara kollox xi waħda kienet taqbel! Mar fil-

kċina u, malli l-kok warrab, ġabar iċ-ċwievet kollha minn ġol-landa u niżel jiġri fil-kantina. Hemm beda jqabbel waħda wara l-oħra, iżda milli jidher kien kollu għalxejn. Fl-aħħar, meta kien għoddu qata' qalbu, b'għaġeb kbir tiegħu, waħda miċ-ċwievet daret ħelu ħelu fil-katnazz u l-molla ċediet. Fra Mudest tbissem u minnufih neħħa l-katnazz u fetaħ il-bieb tal-kamra tal-Pirjol. Hemm ġew lemaħ xi krietel żgħar mimlija bl-inbid. M'għandniex xi ngħidu, Fra Mudest ried itir bil-ferħ u la kien hemm ried iduq xi ftit minn dak ix-xorb bnin ta' ġol-krietel. Fetaħ wieħed, għamlu ma' ħalqu u niżżel biċċa sewwa minnu. Ferħan, ħareġ mill-kamra, sakkar il-bieb u telaq lejn il-kċina, fejn poġġa lura ċ-ċwievet fil-landa, barra dik li kienet ġabitlu r-risq. Mar lura f'kamartu u ma tkellem xejn dwar is-sejba tiegħu.

Issa li kellu s-setgħa li jiftaħ il-katnazz, beda jinżel fil-kantina, jidħol fil-kamra tal-Pirjol u jbattallu xi ftit mill-krietel. Iżda qabel jitlaq kien iżid il-kartell bl-ilma biex il-Pirjol ma jintebaħx li xi ħadd kien qed inaqqarlu minnhom. Iżda ġara li l-Pirjol induna u wara li għamel l-għassa qabad x'kien qiegħed iħawwad Fra Mudest. Ried jara kif jagħmel u ma jħallihx jinżel hemm isfel aktar. Min-naħa ma ried jgħidlu b'xejn għax inkella jsir jaf kulħadd bil-misteru tal-kamra u min-naħa l-oħra ma riedx li Fra Mudest ibattal dak l-inbid kollu

fi żmien qasir. Fl-aħħar ħasibha! Bagħat għall-Fra fiċ-ċella tiegħu u qallu:

"Fra Mudest, ser ngħidlek b'sigriet li jien biss naf bih, iżda qabel xejn irridek twegħedni li ma tgħid xejn lil ħadd."

Fra Mudest berraq għajnejh lejn il-Pirjol u, mimli kurżità għal dak li kien ser jisma', wieġbu minnufih.

"Tista' tibqa' żgur li ħadd mhu ser ikun jaf b'dak li ser tgħidli."

"M'hawnx għalik," reġa' l-Pirjol. "Mela, ismagħni tajjeb. Ftit ilu kont qed naqra f'wieħed minn dawk il-kotba ħoxnin u kbar li qed tara fuq dik l-ixkaffa, u ma taqtax x'sibt?"

"X'sibt?" staqsieh il-Fra.

"Sibt miktub li fil-kantina tal-kunvent tagħna kienet tidher ruħ!"

Malli sama' dan Fra Mudest inħasad u qal f'qalbu: "Issa sew, imissha xi darba tidhirli."

"Imma inti żgur minn dan?" staqsieh il-Fra li ma xtaqx jemmen dak li kien għadu kif sama'.

"Kif, m'intix temmen? Ma tafx li dak li hemm miktub f'dawk il-kotba l-kbar hu kollu minnu?"

"Iva naf ..." temtem il-Fra. U kemmex xufftejh. Hu kien jemmen li aktar ma ktieb ikun kbir, aktar ta' min joqgħod fuqu. Bla ma lissen kelma oħra ħareġ miċ-ċella tal-Pirjol u mar lejn kamartu. Għal jumejn sħaħ

ma resaqx lejn il-kantina mħabba l-biża' mir-ruħ, iżda mat-tielet jum waħħalha f'rasu li jinżel xorta waħda fil-kantina u jieħu miegħu għasluġ biex jekk titfaċċa xi ħaġa jkun imħejji għaliha. U hekk għamel. Il-Pirjol, li għall-ewwel kien ħaseb li ħsiebu rnexxa, reġa' ntebaħ li Fra Mudest kien qed jerġa' jnaqqarlu mill-krietel, u ddeċieda li jagħtih tagħlima.

Darba waħda Fra Mudest niżel fil-kantina biex ibattal xi ftit inbid minn tal-Pirjol, meta hekk kif kien qed jieħu l-ewwel ftit belgħat, deherlu li sama' xi ħsejjes ġejjin minn warajh. "Hawn aħna," qal bejnu u bejn ruħu. U dar bil-mod il-mod biex jara x'kien hemm warajh. Hemm lemaħ bħal ħaġa bajda, riesqa lejh. Fra Mudest twerwer u ma kienx jaf x'ser jaqbad jagħmel, meta ftakar fl-għasluġ li kellu moħbi taħt iċ-ċoqqa. F'radda ta' salib ħarġu u xejjer daqqtejn bih lil dik il-ħaġa bajda li kien hemm quddiemu. Ir-ruħ bdiet tgħajjat malli ħasset id-daqqtejn qawwija tal-għasluġ, iżda Fra Mudest ma semagħhiex, għax f'ħakka t'għajn kien qiegħed f'kamartu, jirtogħod bil-biża'. L-għada mar dritt għand il-Pirjol biex ikellmu.

"Pirjol, nixtieqek taħfirli. Għal xi ftit taż-żmien ili ninżel fil-kamra tiegħek u neħodlok xi ftit mill-inbid li kellek merfugħ. Iżda lbieraħ ħadt qatgħa tal-għaġeb. Hemm rajt ruħ li kienet ġejja għalija. Iżda jien ma ħallejthiex b'xejn tafx, għax tajtha daqqtejn t'għasluġ



kif naf jien. Sewwa għidtli fuq ir-ruħ. Veru li dak il-ktieb ma jigdibx."

Il-Pirjol ma weġbux. Seħet is-siegħa li fettillu jilbes dak il-liżar u jinżel biex jagħti qatgħa lil Fra Mudest għax kien għadu jħoss id-daqqtejn li laqqat.